# Peppina x-xadina



Kristina għandha xadina,
li jisimha Peppina,
u dawn it-tnejn,
joqogħdu l-Imdina.

Biex tasal għandhom,
trid tgħaddi minn ġo mina,
timxi minn fuq il-bankina
u hemm tiltaqa' ma' Salvina.

Peppina tinżel fil-kantina,
u tixgħel sulfarina,
biex toqgħod tiekol pudina,
bil-kuċċarina fuq plattina.

Peppina tiżfen bħal ballerina,
tibgħat kartolina lil Salvina,
ta' kull sena f'għeluq sninha
kif dejjem għallmitha Kristina.

*Sile Cachia*
*Il-Ħames Sena*
*L-Iskola Primarja ta' Ħal Safi, il-Kulleġġ San Benedittu*